## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 121/2019

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pier Guido Saliba)**

**vs**

**Robert Sant**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2020

Il-Qorti;

**Sentenza preliminari dwar l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali.**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Robert Sant, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 50766M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-3 ta' Ottubru, 2017 għall-ħabta ta' 22:10hrs fi Triq il-Mosta, Hal Lija, saq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBM 354:

1. U b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti involontarjament ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Emanuel Agius li gabet il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skont kif iccertifika Dr. Swain MD u Dr. Paul Zammit MD mill-MDH;
2. U talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;
3. U talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;
4. U talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jkun skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-8 ta' April, 2019 li biha ddikjarat lill-imputat mhux hati u lliberatu;

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Mejju, 2019, li bih talab lil din il-Qorti jogghobha **thassar** u tirrevoka s-sentenza appellata u **tipprosegwi** sabiex terga tisma l-provi kollha producibbli u tghaddi sabiex taghti sentenza skont il-ligi u minghajr pregudizzju fin-nuqqas li l-ewwel aggravju ma jkunx milquh, talab sabiex in vista ta' dak elenkat sopra u tal-provi kollha in atti **thassar** u tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti lliberat lill-imputat u minflok isib lill-imputat hati tar-reati kollha kif addebitati kontra tieghu;

Rat l-aggravji tal-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-Avukat Generali jillanja s-sentenza liberatorja bi gravam ta' natura procedurali u iehor fil-mertu li jista' jitqies li hu dwar l-interpretazzjoni tal-fatti. Fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2020 quddiem din il-Qorti, l-appell thalla ghas-sentenza dwar l-ewwel gravam tal-appell interpost mill-Avukat Generali. Fl-ewwel aggravju tieghu, l-Avukat Generali iressaq l-ilment illi quddiem l-ewwel istanza l-prosekuzzjoni ma thallitx tressaq prova indispensabbli u ammissibbli in sostenn tal-kaz taghha u dan wara li talbet lill-Qorti takkorda differiment biex tipprezenta l-affidavits ta' WPS161 u l-Ispettur Elton Taliana;

2. Illi aggravju ta' din ix-xorta jirrikjedi qabel xejn ezami tal-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-ewwel Qorti. Fl-ewwel udjenza tat-18 ta' Gunju, 2018 deheret il-prosekuzzjoni, l-imputat u l-parte civile, lkoll assistiti izda l-kawza kienet differita minghajr raguni ghas-26 ta' Novembru, 2018. Dik is-seduta ma sehhitx minhabba indisposizzjoni tal-Magistrat sedenti u kienet differita ghat-8 t'April 2019;

3. Illi fl-udjenza tat-8 t'April, 2020 wara li deheru l-Ufficcjal Prosekutur u l-imputat assistit, kienu esebiti sitt

ritratti Dok A sa F, affidavit Dok G, affidavit Dok H, case summary Dok I. [ma hemm l-ebda hjiel kif u minn min li kienu esebiti dawn id-dokumenti – haga din li tmur kontra dak proceduralment mitlub f'kawzi penali]. F'dik l-udjenza xehed certu Emanuel Agius u l-Magistrat decident rregistrat estratt mid-deposizzjoni tieghu. Il-parti rilevanti ta' dak li sehh wara li nstema' dan ix-xhud qed tkun riprodotta verbatim (fol 13) ghall-segwiment ahjar tal-kunsiderazzjonijiet li ser jissoktaw:

*Il-Prosekuzzjoni titlob differiment sabiex jigi prodott l-affidavit ta' WPS 161 u Spettur Elton Taliana.*

*Il-Qorti tichad it-talba peress li dawn huma kawzi sommarji u l-imputat ghandu d-dritt li jistenna li l-provi jinstemghu kemm jista' jkun malajr.*

*Il-Prosekuzzjoni tiddikjara l-provi mghaluqa.*

*Id-difiza ma ghandhiex provi.*

*Saret it-trattazzjoni tal-partijiet.*

4. Minn ezami ta' dan il-verbal jemergu zewg punti ta' relevanza li solitament huma indispensabbli sabiex il-Qorti tiddeciedi takkordax talba ghall-differiment jew le. Il-Prosekuzzjoni ma esebietx riferta tal-persuna li riedet tressaq sabiex tipprezenta l-affidavits u wara li l-Qorti cahdet it-talba, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ghalqet il-provi. F'kaz li l-prosekuzzjoni riedet tipprezenta l-affidavits permezz ta' xhud (sakemm ma ghamlitx bhal fil-kaz tad-dokumenti l-ohra li

qabdet u tathom lill-Qorti minghajr ebda formalita') allura kien jokkorri li tkun prezentata r-riferta tan-notifika. Jista' jkun il-kaz, kif aktarx hekk hu, li l-Prosekuzzjoni nsiet iggib dawn id-dokumenti maghha. Tfakkar illi din kienet it-tielet seduta f'dak il-kaz;

5. L-Avukat Generali ccita in-sostenn tal-lanjanza tieghu s-sentenza Il-Pulizija vs Gordon Borda ta' din il-Qorti moghtija fil-31 ta' Lulju, 2018 u dan ghaliex l-gravam tieghu jippernja fuq l-allegat ksur tal-artikolu 413(1)(vi) tal-Kodici Kriminali. Din, izda, ma hi ta' ebda beneficcju ghal-kwistjoni hawn skrutinata stante illi f'dak il-kaz, bhal fil-kawzi citati f'dik is-sentenza, l-kwistjoni kienet tirrigwarda prosegwiment tal-kawza b'sentenza wara nuqqas ta' dehera ta' xhud debitament notifikat. Fil-kaz odjern ma kienx hemm din il-kwistjoni. Intalab differiment semplicement ghaliex il-prosekuzzjoni ma kellhiex f'idejha l-affidavit ta' zewg Ufficcjali tal-Pulizija liema ufficcjali lanqas ma jidher li kienu mharrka kif qed tinterpreta din il-Qorti la darba ma kienitx prezentata riferta tan-notifika taghhom;

6. Huwa principju stabbilit illi f'cirkostanzi fejn il-kawza tkun istitwita *ex officio* mill-Pulizija Ezekuttiva u xhud jew xhieda ma jidhrux minkejja li debitament notifikati, l-Qorti ghandha tiddiferixxi l-udjenza u taghmel dawk is-sanzjonijiet kontra dak ix-xhud inkluz li jingieb b'mandat t'arrest. Is-sensiela ta' sentenzi in rigward huma cari u bizzejjed li ssir referenza ghal dik fl-ismijiet Il-Pulizija vs Saviour Farrugia App Krim 25.7.194 u s-sentenzi hemm imsemmija. Dawn huma riflessjoni ta' dak ravvizat fl-artikolu 441(4) tal-Kapitolu 9 applikabbli ghall-Qorti tal-Magistrati bl-artikolu 525. Fil-kaz odjern, izda, ma kienx hemm dan l-ostakolu kif inghad *supra* la

darba l-prosekuzzjoni talbet differiment mhux ghax ma deherx xhud izda ghaliex ma kellhiex f'idejha affidavit ta' zewg ufficcjali;

7. L-affidavit huwa ghodda intiza biex tiffacilita' l-andament tal-kawza li, f'kawzi ta' natura penali, jistghu jithejjew minn ufficcjali pubblici jew minn impjegati jew ufficcjal ta' korp maghqud mwaqqaf b'ligi jew minn rapprezentant ta' xi intrapriza. Issa, maghqud mal-aspett spedjenti tieghu, fit-termini tal-artikolu 360 A(1) l-imputat li jircievi tali affidavit flimkien ma' citazzjoni **jew f'kull waqt wara** jista' jitlob li jaghmel il-kontro-ezami ta' dak ix-xhud kemm il-darba ikun ta avviz ghalhekk lill-Kummissarju tal-Pulizija mhux aktar tard mnn hmistax-il jum li jkun notifikat b'hekk. Is-subartikolu (2) imbaghad jiddisponi li fin-nuqqas ta' tali avviz, ix-xhud ma ghandux jitharrek biex jixhed in kontro-ezami;

8. Illi ghalhekk filwaqt illi fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni ghazlet li ma tinnotifikax lill-imputat la flimkien mac-citazzjoni u lanqas wara bl-affidavits taz-zewg ufficjali, naqset milli tipprezenta l-istess fl-ewwel seduta u fit-tielet seduta (li allura hija prattikament it-tieni wahda stante li t-tieni ma sehhitx minhabba indisposizzjoni tal-Magistrati sedenti), ukoll naqset milli tkun fil-pussess ta' dawn l-affidavits. L-ewwel Qorti ghalhekk kellha ragun tikkonduci l-kawza bil-mod kif ghamlet aktar u aktar meta l-Prosekuzzjoni ma rregistrat ebda oggezzjoni ghac-cahda ghal differiment u ddikjarat li kienet qed tghalaq il-provi;

9. L-Avukat Generali lanqas ma spjega ghaliex dawn iz-zewg affidavits kienu indispensabbli u kien biss waqt is-

sottomissjonijiet orali li hareg li dawk kienu rikjesti biex ikun pruvat x'qal l-imputat lill-Pulizija meta kellmuh fuq il-post tal-incident. Anke jekk ghalhekk biss din ix-xhieda mhix wahda indispensabbli stante li hi soggetta ghall-oggezzjoni feroci tal-imputat la darba dak li seta qal qalu minghajr ma kien moghti d-dritt tal-assistenza legali;

10. Ghal dawn il-motivi, l-ewwel aggravju qed ikun michud u konsegwentement tordna l-prosegwiment tal-appell sabiex ikun determinat it-tieni aggravju.